# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 84/15/1 MCH**

**Cassar Fuel Limited (C28453), Cassar Petroleum Services Limited (C45993) u Cassar Fuel Service Station Limited (C56102)**
**v.**

**Onorevoli Prim Ministru, Awtorita` għat-Transport f'Malta u Avukat Ġenerali, issa l-Avukat tal-Istat skont l-Avviż legali 329 tal-2019**

1. Dan huwa appell tal-kumpaniji attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-17 ta' Ġunju, 2020 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet tagħhom ta' lment ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom li ma jġarrbux trattament diskriminatorju u għat-tgawdija bil-kwiet tal-possedimenti tagħhom

minħabba l-ħruġ f'April tal-2009 ta' *Port Notice* Numru 5 dwar ħatt ta' żjut minn fuq bastimenti u għar-rimedji oħrajn minnhom mitluba;

2. Bl-azzjoni tagħhom, il-kumpaniji attriċi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellanti") jgħidu li l-ħruġ tal-imsemmi *Port Notice* sar b'mod li l-miżuri msemmijin fih – minn min u kif jista' jinħatt il-qatran minn fuq bastiment fil-Port Ħieles – jolqtu lilhom biss, għaliex operaturi oħrajn fil-qasam ingħataw faċilitajiet ta' ħażna li huma ma ngħatawx. Għalhekk, bl-azzjoni tagħhom talbu li l-ewwel Qorti (i) tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ l-atti u tagħti d-direttivi li tqis xierqa biex jitwettaq il-ħarsien tagħhom minn trattament diskriminatorju kif irid l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni; (ii) issib li huma ġarrbu trattament diskriminatorju min-naħa tal-Awtorita` konvenuta bil-ħruġ tal-*Port Notice*; (iii) issib li huma ġarrbu wkoll ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom kif irid l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; (iv) issib li ġarbu ksur tal-Artikolu 14 tal-imsemmija Konvenzjoni biex ma jingħatawx trattament diskriminatorju, marbut mal-jedd fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni; (v) issib li ma jiswiex il-*Port Notice* Numru 5 tal-2009 safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu joħolqu diskriminazzjoni kontrihom jew kontra xi waħda jew aktar minnhom; (vi) tordna lill-intimati biex jipprovdu jew japprovaw post ta' ħażna bħala terminal għall-użu mir-rikorrenti; (vii) tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq, liema kumpens ikun jgħodd fih it-telf kbir

li ġarrbu r-rikorrenti minn dakinhar li l-Ordni daħal fis-seħħ sa dakinhar li l-Ordni jitħassar; u (viii) tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż;

3. Biex l-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin, wara li qieset ukoll l-eċċezzjonijiet li l-konvenuti appellati qajmu sa mill-ftuħ tal-kawża:

> *"Il-fatti relevanti huma dawn:*
>
> *"Illi s-socjeta rikorrenti hija kumpanija involuta f'kull settur taz-zejt (fuel) hawn Malta, u cioe fl-importazzjoni, distribuzzjoni, bunkering u bejgh kemm retail u kif ukoll wholesale. Skont ix-xhieda ta' Mark Cassar, direttur tas-socjeta rikorrenti, u Darren Marmara, CEO ta' Cassar Group, is-socjeta rikorrenti kienet ilha ghal numru ta' snin thott zejt (fuel) direttament minn bastimenti ghal go bowsers, liema zejt (fuel) kienet timporta in massa. Gara mbaghad illi fl-2009 inharget il-Port Notice numru 5 illi skont is-socjeta rikorrenti holqot regolamenti godda illi waqqfuha milli tkun tista' tkompli timporta zejt (fuel) in massa peress illi, dejjem skont is-socjeta rikorrenti, din il-Port Notice ipprojbiet il-hatt ta' zejt (fuel) direttament minn bastimenti ghal go bowsers u peress illi hija ma kellhiex terminal minn fejn topera ma kellha l-ebda mod iehor kif thott il-prodott mill-bastimenti. Dawn iz-zewg xhieda ilmentaw ghalhekk illi l-effett ta' din il-Port Notice kien illi jirrestringi l-operat tas-socjeta rikorrenti ghal tliet prodotti minflok il-hamsa fir-rigward ta' liema hija kellha licenzja. Skont dawn ix-xhieda wkoll, ghalkemm il-Port Notice numru 5 tal-2009 waqqfet l-attivita msemmija, l-istess Port Notice tippermetti attivitajiet li huma aktar riskjuzi, u cioe il-hatt ta' qatran u l-hatt ta' waste oils tal-vapuri direttament minn bastimenti ghal go bowsers.*
>
> *"Is-socjeta rikorrenti tilmenta illi l-effett ta' din il-Port Notice huwa diskriminattiv peress illi jolqot biss lil min m'ghandux terminal. Hija tikkontendi illi hija giet milquta b'mod sporporzjonat minn din il-Port Notice peress illi hija ghandha fuel stations taghha u ghalhekk ghandha interess kbir illi timporta z-zejt (fuel) in massa direttament hi. Mark Cassar u Darren Marmara spejgaw illi wara l-hrug ta' din il-Port Notice, is-socjeta rikorrenti spiccat qed ikollha tixtri z-zejt minghand l-Enemed minflok ma timportah direttament kif ghandha l-licenzja li taghmel, u dan qieghed jikkawza telf ta' qliegh sostanzjali lis-socjeta rikorrenti. Is-socjeta rikorrenti tilmenta wkoll mill-fatt illi qatt ma inghatat terminal minghand il-Gvern. Tilmenta illi Falzon Group kienet inghatat it-terminal ta' San Lucjan u ghadha qed tithalla topera minn hemmhekk ad eskluzjoni ta' ohrajn minkejja illi skada l-kuntratt, filwaqt illi t-terminal ta'*

*Ras Hanzir huwa operat esklussivament mill-Enemed u t-terminal tal-MOBC inghata lil kumpanija barranija minghajr lanqas biss kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet.*

*"Rigward il-Port Notice numru 5 tal-2009, Richard Gabriele, Head Marine Operations and Incident Response (fol. 66) u l-Kaptan David Bugeja, Direttur tal-Portijiet (fol. 144), it-tnejn xehdu illi din l-Port Notice numru 5 tal-2009 ma holqot l-ebda regoli godda izda sempliciment iccarat is-sitwazzjoni vigenti. It-tnejn ikkonfermaw illi l-ghan ta' din il-Port Notice kienet is-salvagwardja tas-sahha, sigurta u l-ambjent u li qatt ma kellhom xi informazzjoni jew hjiel li kienet qed tinhareg kontra xi operatur partikolari. Fix-xhieda taghhom spejgaw illi fil-ligi hemm eccezzjoni relattiva ghal qatran (bitumen) peress illi dan il-prodott huwa essenzjali ghal infrastruttura ta' Malta u ghaliex huwa aktar sigur miz-zejt (fuel) peress illi ghandu flashpoint aktar gholja u ghalhekk jiehu n-nar anqas malajr. Skont ix-xhieda ta' Joseph Chetcuti, Direttur Generali tad-Dwana (fol. 161) illi anke mil-lat tad-Dwana mhuwiex permissibli illi z-zejt jinhatt direttment minn barge ghal go bowser.*

*"Fir-rigward tal-oghti tat-terminals li rigward tieghu qieghda tilmenta s-socjeta rikorrenti, ma tressqu l-ebda xhieda li setghu jaghtu informazzjoni dwar il-process li wassal sabiex dawn l-operaturi jinghataw it-terminals tal-MOBC u ta' San Lucjan ad eskluzjoni ta' operaturi ohra.*

***"Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

***"Legittimu Kontradittur***

*"Kemm l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta u kemm il-Prim Ministru ressqu eccezzjoni preliminari fis-sens illi huma m'humiex il-legittimi kontradditturi f'din l-azzjoni.*

*"Illi f'dan ir-rigward, jibda billi jigi osservat illi kif qalet dina l-Qorti diversament presjeduta fil-kaz* ***Oliver Agius vs Onor. Prim Ministru et*** *(PA 29/09/2016):*

> *"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min ghandu jwiegeb ghal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-ghamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-ghamla ta' rimedju li jista' jinghata. Ilu zmien li l-Qrati taghna gharfu din ir-realta' u ghalhekk sawru d-distinzjonijiet mehtiega applikabbli ghall-bicca l-kbira mill-kazijiet. Ghalhekk, illum il-gurnata jingharfu kategoriji differenti ta' persuni li jistghu jitqiesu bhala legittimi kuntradditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jigifieri (a) dawk li jridu jwiegbu direttament jew indirettament ghall-ghamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-eghmejjel li bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta' xi hadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawza meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigh ta' xi kawza f'qorti. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawza, jistghu jiddahhlu persuni ohrajn*

*bil-ghan li jaghmlu shih il-gudizzju u jaghmluh rapprezentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni.*

*"L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta eccepiet illi hija mhijiex il-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni peress illi hija ma hargitx il-Port Notice 5 tal-2009 li dwarha qed isir l-ilment mis-socjeta rikorrenti u wkoll ghaliex hija m'hijiex involuta fl-arrangament relattiv ghall-MOBC.*

*"Fir-rigward tal-Port Notice numru 5 tal-2009, il-Qorti taghraf illi huwa minnu illi din ma kienetx inharget mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta izda mill-Awtorita Marittima ta' Malta. Illi pero, l-Awtorita Marittima ta' Malta illum-il gurnata ma ghadhiex tezisti bhala entita separata, peress illi giet inkorporata fi hdan l-Awtorita ntimata. Illi ghalhekk illum-il gurnata hija l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta illi trid tirrispondi ghall-ilmenti mressqa kontra xi agir tal-Malta Maritime Authority. Dan specjalment ikkonsidrat illi llum-il gurnata hija l-Awtorita ntimata li ghandha l-kompetenza illi tohrog Port Notices u ghalhekk, fil-kaz ta' ezitu favorevoli ta' dawn il-proceduri ghas-socjeta rikorrenti, l-Awtorita ntimata ghandha s-setgha ili taghmel tajjeb ghall-eghmil tal-predecessur taghha skont ma jigi deciz f'din is-sentenza.*

*"Fir-rigward ta' dik il-parti tal-ilment pero illi ghandha x'taqsam mal-oghti tal-MOBC, il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta li m'hijiex il-legittimu kontradittur fil-konfront ta' dan l-ilment ghandha mis-sewwa. Ma jirrizultax illi l-Awtorita ntimata kienet involuta fl-oghti tat-terminal li dwaru qed tilmenta s-socjeta rikorrenti u lanqas jidher illi l-Awtorita ntimata tista' taghmel tajjeb ghal kwalunwke nuqqasijiet li jistghu talvolta jirrizultaw li sehhew. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta hija fondata f'dak li ghandu x'jaqsam ma' dik il-parti tal-ilment tas-socjeta rikorrenti li tirrigwarda l-oghti tat-terminals.*

*"Il-Qorti taghraf illi kif diga kellha l-opportunita illi tirrileva*

> *"… huwa stabbilit, li meta qed tigi attakkata dispozizzjoni ta' xi ligi, huwa appuntu l-Prim Ministru li ghandu jigi citat (ara per ezempju Joseph Abela vs Prim Ministru et deciza fis-7 ta' Dicembru 1990 mill-Qorti tal-Appell, Sede Kostituzzjonali u Albert u Maria Cassar vs il-Prim Ministru deciza minn din il-qorti, diversament preseduta, fil-31 ta' Ottubru, 2011). Wara kollox il-ligi fl-artikolu 242(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili taghti s-setgha lill-Prim'Ministru biex jiehu passi sabiex jaghmel regolamenti li jkunu jhassru l-istrument jew id-disposizzjoni rilevanti li tkun giet dikjarata bhala li tmur kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea (***Angela sive Gina Balzan vs Onor. Prim Ministru et,*** *PA Kost 09/10/2017).*

*"Illi l-Qorti tibda billi tinnota illi bejn il-partijiet mhemmx qbil rigward in-natura tal-Port Notice numru 5 tal-2009. Is-socjeta rikorrenti tikkontendi illi din hija ligi gdida promulgata fl-2009, filwaqt illi l-intimati jikkontendu illi din hija biss avviz sabiex tigbed l-attenzjoni tal-operaturi koncernati ghall-provvedimenti tal-ligi gja in ezistenza. Illi pero, determinazzjoni*

*rigward in-natura ta' din il-Port Notice tkun tmur oltre l-ezami li jehtieg illi jsir sabiex jigi ddeterminat jekk il-Prim'Ministru huwiex il-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni, li skont il-gurisprudenza jirrizulta illi jrid isir fuq bazi prima facie (**Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et**, App 05/10/2011). Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi almenu fuq bazi prima facie il-Prim'Ministru jista' jitqies illi huwa l-legittimu kontradittur fir-rigward ta' dik il-parti tal-ilment illi titratta l-Port Notice numru 5 tal-2009.*

*"Fir-rigward pero tal-ilment li jitratta l-oghti tat-terminals, il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-Prim'Ministru hija fondata. Ma jirrizultax mill-atti illi l-Prim'Ministru kien l-entita responsabbli ghal oghti tat-terminals, u lanqas ma jirrizulta illi fil-kaz ta' ezitu favorevoli huwa hu li jrid jaghmel tajjeb ghal kwalunwke nuqqas li jista' jirrizulta. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-Prim'Ministru hija fondata f'dak li ghandu x'jaqsam ma' dik il-parti tal-ilment tas-socjeta rikorrenti li tirrigwarda l-oghti tat-terminals.*

*"**L-applikabbilita tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja***

*"Is-socjeta rikorrenti tikkontendi illi meta nharget il-Port Notice numru 5 tal-2009 hija kellha dritt kwezit illi tibqa' thott zejt (fuel) importat in massa direttament minn bastimenti ghal go bowsers, u li ghalhekk meta din il-Port Notice waqqfet dan l-operat, is-socjeta rikorrenti sofriet ksur tad-dritt taghha sancit mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

*"Illi t-terminu 'possediment' ghandu interpretazzjoni awtonoma fil-konvenzjoni Ewropeja*

> *"… that is not limited to ownership of physical goods, and 'certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as "property rights", and thus as "possessions"." (W. Schabas, The European Convention on Human Rights: A Commentary (Oxford University Press, 2015) 971. Din il-posizzjoni hija wkoll adotta fil-gurisprudenza Maltija; ara per ezempju **Ivan Vella vs Avukat Generali et,** Kost 25/11/2011).*

*"Inoltre, [t]he essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest." (D. Harris, M. O'Boyle u E. Warbrick, Law of the European Convention on Human Rights, (Oxford University Press, 1995) 517). Ghalhekk, dak li jigi ezaminat huwa jekk mic-cirkostanzi tal-kaz ikkonsidrati fl-assjem taghhom jirrizultax illi r-rikorrenti ghandu titolu ghal xi interest sostantiv tutelabbli ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol. (Ara per ezempju: **Bramelid and Malmstrom vs Sweden,** nri. 8588/79 u 8589/79 (12/10/1982); **Stran Greek Refineries and Statis Andreadis vs Greece,** nru. 13427/87 (09/12/1994); **Iatridis vs Greece,** nru. 31107/96 (25/03/1999); **Öneryıldız vs Turkey** [GC], nru. 48939/99, (30/11/2004); **Anheuser-Busch Inc. vs Portugal** [GC], nru. 73049/01, (11/01/2007); **Depalle vs France** [GC], nru. 34044/02,*

*(29/03/2010);* ***Saghinadze and Others vs Georgia****, nru. 18768/05 (27/05/2010).*

*"Skont il-gurisprudenza, dritt kwezit kompjut taht il-ligi antecedenti ghandu effikacja fih innifsu li jirrezisti ghall-applikazzjoni tal-ligi l-gdida f'kaz ta' mutament tal-ligi anterjuri (****Antoine Borg vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar,*** *App 22/04/2015). Kien jinkombi fuq is-socjeta rikorrenti l-oneru illi tipprova l-ezistenza ta' dan id-dritt rizultanti minn permess jew ligi gia ezistenti ghaliex dritt kwezit ma jfissirx dritt pretiz jew dritt assunt jew dezunt (****Charles Ellul vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar,*** *App 02/05/2013);* ***Peter sive Rino Muscat Scerri et vs L-Avukat Generali et,*** *Kost 06/02/2015). Ghalhekk is-socjeta attrici kien jehtiegilha tipprova illi qabel il-promulgazzjoni tal-Port Notice numru 5 tal-2009 kien diga legalment possibli ghaliha illi thott zejt (fuel) importat in massa direttament minn bastimenti ghal go bowsers. Il-Qorti taghraf inoltre illi skont il-gurisprudenza Maltija fuq il-materja, dritt kwezit jitqies bhala possediment tutelabbli ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni ghaliex ikun jifforma parti mill-assi ta' dik il-persuna, u dan meta dak id-dritt kwezit vantat jirrizulta sufficjentement stabbilit bhala dritt enforzabbli. (Ara per ezempju* ***Carmel Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et,*** *(PA 23/03/2010) ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24/09/;* ***Peter sive Rino Muscat Scerri et vs L-Avukat Generali et,*** *Kost 06/02/2015). Dan jirrifletti l-insenjament tal-Qorti ta' Strasbourg fejn, kif jispjega Schabas, " Article 1 may apply where a person has 'at least a "legitimate expectation" of obtaining effective enjoyment of a property right'. By 'legitimate expectation' is meant something grounded in 'a legislative provision or a legal act bearing on the property interest in question'" (W. Schabas, 969. Ara wkoll, per ezempju* ***S. vs The United Kingdom,*** *nru. 11716/85 (14/05/1986): "…the fact that she had been living in the house for some time without legal title cannot constitute a possession within the meaning of Article 1 of Protocol No. 1 (P1-1). It follows that this part of the application is incompatible ratione materiae with the provisions of the Convention within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2)").*

*"Wara li ezaminat il-Port Notice numru 5 tal-2009 din il-Qorti tqis illi l-argument tas-socjeta rikorrenti illi din il-Port Notice kienet essenzjalment ligi gdida illi waqqfet operat legali li hija kienet diga ilha taghmel ghal snin huwa kompletament infondat. Dak li jirrizulta minn din il-Port Notice huwa illi jekk huwa verament minnu illi s-socjeta rikorrenti kienet ilha thott zejt (fuel) importat in massa direttament minn bastiment ghal go bowsers dan kienet qed taghmlu bi ksur tal-ligijiet vigenti u bi ksur ukoll tal-kondizzjonijiet imposti fil-licenzja taghha biex topera. Huwa car illi l-Port Notice sempliciment gibdet l-attenzjoni tal-operaturi ikkoncernati ghall-obbligi legali taghhom gja ezistenti.*

*"Illi filfatt, din il-Port Notice tispjega espressament illi:*

> *"This Port Notice is **intended to bring to the attention** of all concerned the appropriate use of road tankers whilst in port …*
>
> *"Operators are hereby **reminded** that, apart from associated safety and environmental concerns, **the unloading of fuel from bunker barges and tankers directly into road tankers is not permitted as a standard condition in the "Licence to carry out the activity of an importer (and/or wholesaler) of petroleum"** issued by the Malta Resources Authority issued in terms of the Petroleum for the Inland (Wholesale) Fuel Market Regulations (S.L. 423.28).*
>
> *"**Such practice is also prohibited under the Excise Duty Act (Cap. 382)**. (Att Dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382) Sitt Skeda, Taqsima D, Artikolu 8: "Kull zejt tal-petroleum importat ghandu jigi zbarkat minn fuq il-bastiment ta' importazzjoni taht sorveljanza tad-Dwana u meta jigi importat in massa ghandu jitwassal permezz ta' pipelines approvati ghat-tankijiet ta' magazzinagg li jkunu kalibrati kif specifikat fir-regolament 7 jew xort'ohra mkejla ghas-sodisfazzjon tal-Kummissarju")" [enfasizzar ta' din il-Qorti]*

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa car minn qari ta' din il-Port Notice illi l-hrug taghha ma kien qed johloq l-ebda ligi jew regola gdida, izda kien sempliciment qieghed jigbed l-attenzjoni tal-operaturi koncernati ghal regoli u ligijiet li kienu diga ezistenzi, u ghal kondizzjoni fil-licenzja taghhom stess, skont liema ma kienx permess lilhom illi jhottu zejt (fuel) minn bastimenti direttament ghal go bowsers meta dan jigi importat in massa. Minn dan isegwi illi ma jistghax jinghad illi s-socjeta rikorrenti kellha dritt kwezit sabiex thott zejt (fuel) importat in massa minn bastimenti dritt ghal go bowsers, peress illi jirrizulta illi fil-verita dan l-agir tas-socjeta rikorrenti kien imur kontra l-ligi u kontra l-kondizzjonijiet tal-licenzja taghha. Ghalhekk, anke qabel ma nharget il-Port Notice numru 5 tal-2009 is-socjeta rikorrenti kien diga ma kellhiex dritt legali ezistenti sabiex thott zejt (fuel) importat in massa direttament minn bastimenti ghal go bowsers.*

*"Fid-dawl ta' dan il-Qorti tqis illi ma jirrizultax illi s-socjeta rikorrenti kellha possediment ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, u ghaldaqstant dan l-artikolu m'huwiex applikabbli u l-ilment tas-socjeta rikorrenti huwa ghalhekk legalment u fattwalment infondat.*

*"**L-applikabbilita tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghall-ilment tas-socjeta attrici***

*"Is-socjeta rikorrenti tilmenta illi l-fatt illi hija ma inghatax terminal bhal kompetituri ohra fis-settur, u t-thaddim tal-Port Notice 5 tal-2009 huma diskriminatorji fil-konfront taghha u dan peress illi hija giet mpoggija f'sitwazzjoni sfavorevoli vis-à-vis dawk l-operaturi li nghataw terminal minhabba illi, bit-thaddim tal-Port Notice imsemmija, hija ma tistghax effettivament timporta zejt hi stess u minflok trid tixtri minghand il-kompetituri taghha li ghandhom tali facilitajiet, senjatament l-Enemed.*

*"Il-protezzjoni minn trattament diskriminatorju hija garantita mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjonali. It-tielet sub-inciz ta' dan l-artikolu jiddefinixxi espressament it-terminu "diskriminazzjoni", u dan bil-mod segwenti:*

> *"F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser ghoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skont ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-generu li minhabba fihom persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn."*

*"Huwa car minn qari ta' dan is-sub-inciz illi sabiex l-Artikolu 45 ikun applikabbli jehtieg l-ewwel nett illi jirrizulta li l-allegata diskriminazzjoni kontra r-rikorrent tkun saret a bazi ta' wiehed mill-irjus indikati espressament u b'mod ezawrijenti fit-tielet sub-inciz ta' dan l-artikolu. Kif sewwa inghad fis-sentenza* ***Ivan Vella vs Avukat Generali et*** *(Kost 25/11/2011):*

> *"… biex jista' jinghad li sehh ksur ta' jedd fundamentali dwar il-harsien mid-diskriminazzjoni taht il-Kostituzzjoni, jrid jintwera li l-ligi partikolari jew it-thaddim taghha jew l-ghamil ilmentat ikun jaqa' taht xi wahda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li ghalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni … ir-raguni ta' diskriminazzjoni f'allegazzjoni ta' ksur ta' dak il-jedd fundamentali trid tassattivament taqa' taht wahda mir-ragunijiet imsemmija f'dak is-subartikolu."*

*"Fil-kaz odjern is-socjeta rikorrenti naqset milli tindika taht liema minn dawn l-irjus qed tibbaza l-ilment taghha, u zgur li ma wrietx illi hija garbet xi trattament diskriminatorju a bazi ta' r-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identita tal-generu. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-Artikolu 45 m'huwiex applikabbli fil-kaz odjern, u konsegwentement it-talba maghmula mis-socjeta rikorrenti f'dan ir-rigward hija legalment nfondata.*

*"**L-allegata diskriminazzjoni sofferta mis-socjeta attrici bi vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni in konnessjoni mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni***

*"Is-socjeta rikorrenti ilmentat ukoll illi t-trattament diskriminatorju allegat minnha jammonta ghal ksur tad-dritt taghha kontra trattament diskriminatorju sancit ai termini tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja in konnessjoni mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-istess konvenzjoni.*

*"L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi illi:*

> *"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew*

> *opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta, twelid jew status iehor".*

*"Jibda billi jinghad f'dan ir-rigward illi ghalkemm il-Qorti sabet illi s-socjeta rikorrenti ma soffriet l-ebda ksur tad-drittijiet taghha ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jfissirx illi allura l-ilment taghha bbazat fuq l-artikolu 14 ghandu awtomatikament ifalli. Kif inghad,*

> *"Article 14 is not independent in the sense that there has to be at least some kind of relation with any of the rights and freedoms of the Convention; differential treatment in a field which falls outside the scope of the Convention cannot amount to a violation of Article 14. At the same time the case law referred to bears out that Article 14 is autonomous in the sense that its application does not require the simultaneous violation of one of the Convention's rights or freedoms (P. Van Dijk et al (eds), Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Intersentia, 2006) 1029; W. Schabas, op. cit 562;* ***Ivan Vella vs L-Avukat Generali et,*** *Qorti Kostituzzjonali (25 Novembru, 2011): "Illi meta l-Qorti tistharreg l-ilment taht l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni trid taghmel dan billi zzomm quddiem ghajnejha (i) li dak l-ilment jehtieg li jkun marbut ma' xi jedd iehor imhares mill-Konvenzjoni… Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taht dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" iehor imhares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bhal dak."*

*"Illi similment bhal fil-kaz tal-ezami dwar l-ilment ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, l-ewwel determinazzjoni li tehtieg li ssir mill-Qorti hija dwar jekk huwiex applikabbli l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk jekk l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni tas-socjeta rikorrenti taqax entro l-parametri tal-Artikolu 14. A kuntrarju pero tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma jipprovdix lista ezawrijenti ta' ragunijiet impermissibbli ta' diskriminazzjoni, izda minflok jipprovdi lista indikattiva illi tinkludi 'status iehor.' (Ara f'dan is-sens per ezempju W. Schabas, idem: "The words 'such as' indicate that the list is not exhaustive. Although a plausible interpretation would restrict the non-enumerated categories to those that are analogous to what is listed in the provision, the Court has not favoured any such limitation that might be imposed by an ejusdem generis interpretation and seems to have taken a very broad approach, recognizing a prohibition of discrimination going well beyond 'personal characteristics'. It has said that article 14 prohibits, within the ambit of the rights and freedoms guaranteed, 'discriminatory treatment having as its basis or reason a personal characteristic ("status") by which persons or groups of persons are distinguishable from each other."*

*"Fir-rigward tal-ilment tas-socjeta rikorrenti relattiv ghal oghti ta' terminal, il-Qorti tqis illi s-socjeta rikorrenti ma rnexxiliex tipprova illi hija ma nghatatx terminal ghaliex giet diskriminata a bazi ta' xi status indikati fl-Artikolu 14 jew xi status iehor. Fil-fatt, is-socjeta rikorrenti lanqas biss indikat fuq liema raguni diskriminatorja qed issejjes l-ilment*

*taghha. Ghalhekk, f'dan ir-rigward l-ilment tas-socjeta rikorrenti huwa legalment infondat.*

*"Fir-rigward tal-ilment tas-socjeta rikorrenti illi l-Port Notice numru 5 tal-2009 wasslet sabiex is-socjeta rikorrenti isoffri trattament diskriminatorju, il-Qorti tibda billi tirrileva illi skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem trattament diskriminatorju jista' jkun kemm dirett u kif ukoll indirett. Intqal f'dan ir-rigward illi*

> *"The term 'indirect discrimination' is often used to denote policies or measures that are ostensibly neutral but that have disproportionately prejudicial effects on individuals or a group protected by article 14. Sometimes, references to 'indirect discrimination' include the notion that it is not 'targeted at the group' or that it does not require a discriminatory intent. This is also described sometimes as 'effects discrimination' (W. Schabas, op, cit., 568)."*

*"Mix-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti jirrizulta illi d-diskriminazzjoni allegata minnhom hija wahda ta' natura indiretta. M'huwiex qed jigi allegat illi l-Port Notice 5 tal-2009 inharget bl-iskop illi ssir diskriminazzjoni kontra s-socjeta rikorrenti. Dak li qed jigi argumentat huwa illi l-effett tat-thaddim tal-Port Notice numru 5 tal-2009 huwa wiehed diskriminatorju peress illi jaffettwa biss li dawk l-operaturi, inkluz u partikolarment is-socjeta rikorrenti illi m'ghandhomx terminal u ghalhekk ma jistghux ihotti z-zejt kif rikjest fil-Port Notice.*

*"Illi pero, kif diga intqal aktar 'il fuq, il-Port Notice 5 tal-2009 ma holqot l-ebda ligi gdida, izda sempliciment gabet a konjizzjoni tal-operaturi koncernati il-ligijiet u regolament applikabbli fir-rigward tal-hatt tal-prodott taz-zejt. Ghalhekk ma jistghax ikun illi kienet din il-Port Notice illi kkawzat diskriminazzjoni indiretta kontra s-socjeta rikorrenti galadarba din il-Port Notice ma bidlitx is-sitwazzjoni legali bl-ebda mod. Dak li gara wara l-hrug ta' din il-Port Notice kien sempliciment illi l-awtoritajiet bdew jinforzaw ligijiet diga ezistenti fis-settur li, skont ix-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti, kienu qed jigu injorati mill-operaturi koncernati.*

*"Illi fi kwalunwke kaz, il-Qorti tirrileva illi huwa accettat fil-gurisprudenza illi mhux kull trattament differenti jammonta ghal diskriminazzjoni. Kif inghad mill-Qorti Ewropeja*

> *"For the purposes of Article 14 (art. 14), a difference of treatment is discriminatory if it has no objective and reasonable justification, that is, if it does not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see, as the most recent authority, the above-mentioned Abdulaziz, Cabales and Balkandali judgment, Series A no. 94, pp. 35-36, para. 72). As in relation to the means for giving effect to the right of property, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations permit a different treatment in law (**James and others vs The United Kingdom,** nru. 8793/79 (21/02/1986).*

*"Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz jirrizulta illi hemm gustifikazzjoni oggettiva u valida ghalfejn mhuwiex permess il-hatt ta' zejt (fuel) minn bastimenti direttament ghal go bowsers. Mix-xhieda jirrizulta illi din il-projbizzjoni kienet giet imposta ghal ragunijiet ta' sigurta u sahha u protezzjoni tal-ambjent. Ghalkemm ir-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti provaw jallegaw illi dan mhux minnu u li filfatt l-awtoritajiet jippermettu l-hatt dirett ta' qatran ghal go bowsers li huwa aktar perikoluz [Xhieda ta' Mark Cassar, direttur tas-socjeta rikorrenti (fol. 28), u Darren Marmara, CEO ta' Cassar Group (fol. 46)] huma ma producew l-ebda espert sabiex jikkonferma dan. Dan l-argument taghhom gie kontradett mix-xhieda ta' Richard Gabriele (fol. 66) u l-Kaptan David Bugeja (fol. 144), li t-tnejn qabblu illi l-qatran huwa ferm anqas perikoluz miz-zejt (fuel) peress illi ghandu flashpoint aktar gholja, u cioe jiehu n-nar anqas malajr. Il-Qorti ghaldaqstant, u wkoll fid-dawl tal-margini ta' apprezzament wiesgha tal-Istat f'dan ir-rigward, tqis illi fi kwalunwke kaz jirrizulta illi l-Port Notice 5 tal-2009 u l-provvediment tal-ligi li fuqhom hija msejsa ghandhom gustifikazzjoni oggettiva u valida u minn dan isegwi illi l-ilment tas-socjeta rikorrenti a bazi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni huwa nfondat.";*

4. L-appellanti ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u b'rikors tal-appell imressaq fit-3 ta' Lulju, 2020, talbu li din il-Qorti tħassarha u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet kollha tagħhom għaliex huma mistħoqqa u, fir-rigward tal-ħames talba tagħhom, dwar ħlas ta' kumpens xieraq (li tinsab riżervata għal stadju ulterjuri[1]), terġa' tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex jinstemgħu l-provi dwar it-telf imġarrab minnhom minn dakinhar li l-Avviż daħal fis-seħħ sallum, u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

[1] Ara verbal tas-smigħ 15.3.2017, f'paġ. 85 tal-proċess

6. Rat l-atti kollha tal-kawża u li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza.

***Ikkunsidrat:***

7. Minn qari tal-att li bih l-appellanti fetħu l-kawża, jidher ċar li l-ilment tagħhom ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom jintrabat mal-ħruġ tal-*Port Notice* numru 5 tal-2009 (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Avviż") u maż-żamma fis-seħħ tiegħu. Dan qiegħed jingħad għaliex, fir-rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti donnhom qegħdin jittantaw iwessgħu l-firxa tar-rikors promotur billi jgħidu li "il-kwestjoni ċentrali hija jekk b'riżultat tal-*Port Notice*, tat-tħaddim tagħha, kif ukoll tal-aġir tal-awtoritajiet tal-Istat fil-kwadru ta' dak li jintqal fix-xhieda ta' Mark Cassar u Darren Marmara', hijiex qiegħda tiġi mwettqa diskriminazzjoni". Hi u tqis is-siwi tal-appell imressaq quddiemha, din il-Qorti trid iżżomm ma' dak li ngħad u tressaq quddiem l-ewwel Qorti għaliex kien fuq dawk il-ħwejjeġ li dik il-Qorti fasslet u tat is-sentenza appellata. Minħabba f'hekk ukoll, din il-Qorti ma tħossx li għandha tqis dik il-parti tar-rikors tal-appell li titħaddet dwar l-Artikolu 37 tat-Trattat għall-Formazzjoni tal-Unjoni Ewropeja (TFEU) dwar il-monopolji tal-Istat, għaliex dana ma ssemmiex fir-rikors li bih infetħet din il-kawża, ma saret l-ebda sottomissjoni dwaru quddiem l-ewwel Qorti sakemm ingħatat is-sentenza appellata u lanqas jirrigwarda s-siwi tal-Avviż mertu tal-każ. Minbarra dan, mill-atti joħroġ li l-appellanti *Cassar*

*Fuel Service Station Limited* twaqqfet sew wara l-ħruġ tal-Avviż, u għalhekk ma tistax titqies fl-istess keffa taż-żewġ appellanti l-oħrajn.

8. L-appellanti ressqu mal-erbatax-il aggravju mis-sentenza appellata, li wħud minnhom jistgħu jitqiesu li huma t-tennija ta' oħrajn u marbutin flimkien bl-istess argument, filwaqt li oħrajn qajla jistgħu jitqiesu bħala aggravji vera u proprji mis-sentenza appellata, imma aktar bħala sottomissjonijiet għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid ta' din il-Qorti. Fil-qosor, dawn l-aggravji jikkonsistu (i) fl-apprezzament żbaljat tal-fatti tal-każ mill-ewwel Qorti; (ii) fil-prova dwar deċiżjonijiet meħuda fl-ogħla livell; (iii) li l-intimat Prim Ministru u l-Awtorita` intimata ma ressqux provi; (iv) li l-ewwel Qorti naqset għal kollox li ssemmi li ma kienet saret l-ebda sejħa għall-applikazzjonijiet għall-għoti tat-*Terminal* tal-MOBC li ngħata lil kumpanija partikolari; (v) li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni u l-ewwel Qorti ħallewhom mingħajr rimedju effettiv; (vi) li l-appellanti kienu diġa` jwettqu l-attivita` li twaqqfitilhom bil-ħruġ tal-Avviż attakkat; (vii) li l-appellati ma wrewx li l-awtoritajiet ma kinux qegħdin jipprojbixxu l-ħatt ta' karburanti mill-braken għar-*road tankers* qabel inħareġ l-Avviż; (viii) li l-ewwel Qorti naqset li tqis li l-appellanti "qiegħda fil-*fuel chain* komplut" u jħaddnu l-permessi għal kull attivita`; (ix) li l-appellanti twaqqfu minn kull attivita`, minkejja li kellhom liċenzi fis-seħħ; (x) li l-attività li kienu jwettqu qabel il-ħruġ tal-Avviż hija 'possediment' u wkoll 'dritt kweżit' jew, bil-Malti, jedd miksub; (xi) li l-grupp ta' kumpaniji

li minnu jagħmlu l-appellanti huwa vittma ta' diskriminazzjoni; (xii) li kien hemm diskriminazzjoni diretta bi ħsara għalihom; (xiii) li l-eżami tal-'ġustifikazzjoni' magħmul mill-ewwel Qorti ma kienx tajjeb; u (xiv) aggravju dwar il-metodoloġija għall-analiżi dwar diskriminazzjoni. Il-Qorti se tqis l-aggravji msemmija mhux ta' bilfors fl-ordni li tressqu u mhux bilfors għal rashom.

9. Ladarba kemm il-konvenut Onorevoli Prim Ministru u kif ukoll l-Awtorita` appellata għażlu li ma jappellawx dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet l-eċċezzjoni tagħhom li ma kinux il-kontradditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi, dik il-parti tas-sentenza appellata tikkostitwixxi ġudikat;

10. Għal dak li jirrigwarda l-**aggravji dwar l-apprezzament tal-fatti** magħmul mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ttenni l-fehma sħiħa tagħha li, għalkemm fliet sewwa l-atti kollha tal-kawża u l-kunsiderazzjonijiet magħmulin tul is-sentenza appellata, mhijiex se tħalli li dan l-appell jinbidel f'eżerċizzju ġdid ta' apprezzament tal-provi mressqa fl-atti sa ma ngħatat is-sentenza appellata jew li provi ġodda li l-appellanti ttantaw iressqu mar-rikors tal-appell tagħhom jew saħansitra matul iż-żmien li l-kawża kienet fl-istadju tal-appell. Il-Qorti tqis li l-appellanti jsejsu dawn l-ewwel żewġ aggravji tagħhom fuq il-fatt li l-kwestjoni li dwarha fetħu l-kawża tagħhom bl-ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali kienet waħda

ta' bixra teknika u fil-qafas ta' deċiżjonijiet politiċi li ttieħdu fl-"ogħla livell". Din il-Qorti twarrab l-ewwel aggravju tal-appellanti li jgħid li, ladarba l-materja milquta bl-Avviż kienet waħda teknika, kien jaqa' fuq l-ewwel Qorti li taħtar espert minn rajha biex jgħinha tifhem sewwa l-każ. Kien jaqa' fuq l-appellanti, jekk dehrilhom li kien meħtieġ, li jitolbu lill-ewwel Qorti tgħaddi għall-ħatra ta' esperti, u dan naqsu li jagħmluh minkejja li kellhom żmien aktar minn biżżejjed biex iressqu talba bħal din.

11. Minbarra dan, din il-Qorti ssib li l-apprezzament li wettqet l-ewwel Qorti tal-provi mressqa mill-partijiet kien dak li kien meħtieġ biex tiffoka fuq ir-raġuni ewlenija li dwarha nfetħet il-kawża: l-ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali minħabba l-ħruġ tal-Avviż. Fir-rikors li bih fetħu l-kawża tagħhom[2], l-appellanti jgħidu li l-ħruġ tal-Avviż laqat direttament lilhom biss. Madankollu, l-ewwel Qorti sabet li dan ma kienx il-każ u l-Avviż bla dubju jolqot lil kull min bħala fatt jinsab fl-istess qagħda tal-appellanti. L-aggravju tal-appellanti dwar il-fatt li l-konvenuti appellati għażlu li ma jressqux provi ma tantx jiftehem u ma ngħadx kif dan jiġġustifika t-tħassir tas-sentenza appellata jew kif b'daqshekk l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti kien b'xi mod ċensurabbli. In-nuqqas ta' tressiq ta' provi minn parti f'kawża ma jissarrafx tabilfors fl-ilqugħ tal-pretensjonijiet tal-parti l-oħra, u jkun dejjem

[2] Ara t-tielet premessa tar-Rikors promotur

meħtieġ li qorti tqis il-provi li tressaq parti f'kawża u r-rilevanza tagħhom lil hinn minn jekk il-parti l-oħra tagħżilx li tressaq provi hija wkoll.

12. Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti qabilha, tqis li l-kwestjoni tad-deċiżjonijiet meħuda fl-ogħla livelli dwar l-għoti lill-appellanti ta' faċilitajiet ta' ħażna fil-port kienet qagħda li kienet ilha għaddejja minn ħafna żmien qabel il-ħruġ tal-Avviż u għalhekk il-ħruġ ta' dak l-Avviż ma jistax jitqies li kien ir-raġuni għaliex l-appellanti ma ngħatawx il-faċilitajiet li kienu ilhom jitolbu li jingħataw. L-istess jgħodd għall-għoti tal-faċilitajiet ta' *bunkering* lil terzi u l-mod ta' kif saret. Bilkemm għandu għalfejn jerġa' jingħad li l-azzjoni tal-appellanti tirrigwarda ksur ta' jeddijiet fundamentali minħabba l-ħruġ tal-Avviż u sakemm l-Avviż jibqa' fis-seħħ.

13. Għal dawn ir-raġunijiet, l-aggravji tal-appellanti li jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti ma humiex tajbin u ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu.

14. Għal dak li jirrigwarda l-**aggravji marbuta mal-ksur tal-jedd fundamentali għat-tgawdija paċifika ta' possedimenti** (aggravji 'vi' sa 'x'), l-appellanti jgħidu li s-sentenza appellata naqset li tqis li, sa dakinhar li nħareġ l-Avviż, huma kellhom il-permessi kollha meħtieġa maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti u li kienu jwettqu l-attivitajiet tagħhom bis-saħħa tal-liċenzji maħruġa, u kif kien bil-ħruġ tal-Avviż li dawk l-attivitajiet – il-

ħatt dirett bil-*hose-pipe* ta' *diesel* mill-bastimenti għal ġol-*bowsers* jew *road tankers* – twaqqfu ħesrem bi ħsara kbira għalihom. Huma jgħidu li ma ntweriex li sa qabel ma nħareġ l-Avviż huma kienu qegħdin jimxu bi ksur tal-liġi jew tal-kundizzjonijiet tal-permessi u liċenzi li ngħatawlhom u liema attivitajiet kienu ilhom is-snin iwettquhom fid-dieher u bla ma qatt xi waħda mill-awtoritajiet kompetenti qatt ġibditilhom l-attenzjoni li dak kien qiegħed isir bi ksur ta' xi liġi fis-seħħ jew qatt waqqfithom milli jkomplu għaddejjin b'dawk l-attivitajiet. Għalhekk, iqisu li l-Avviż kien "strataġemma moħbija" maħsuba biex twaqqafhom milli jissoktaw b'attivita` kummerċjali li għaliha kellhom il-permessi kollha in regola u li kienet tikkostitwixxi jedd miksub. Huma jilmentaw ukoll mill-fatt li s-sentenza appellata ma sabitx li dawk l-attivitajiet kummerċjali kienu jikkostitwixxu 'possediment' għall-finijiet tal-ilment tagħhom tal-ksur tal-jedd fundamentali relattiv.

15. Min-naħa tagħha, l-Awtorita` appellata twarrab dawk l-aggravji billi tgħid li l-għan wara l-Avviż kien biss li jżid is-sigurta` fl-użu ta' *road tankers* u fil-ħażna taż-żjut u li jitħares l-ambjent fl-interess pubbliku. Tisħaq li l-Avviż ma huwiex liġi u ma ħalaq l-ebda norma legali ġdida, imma kien biss ifakkar lill-operaturi li lilhom kien indirizzat fl-obbligi li liġijiet fil-qasam kienu diġa` jistabbilixxu u jirregolaw. Tirregola wkoll il-prattika xierqa marbuta mal-ħatt ta' prodotti tal-*petroleum.* L-Awtorita` tirrileva li l-azzjoni mnedija mill-appellanti mkien ma tattakka s-siwi tal-liġijiet li fuqhom

issejjes l-Avviż. Iżżid tgħid li, bil-ħruġ tal-Avviż u mingħajru, l-appellanti kien ikollhom jibdlu l-prattika tagħhom li jħottu d-*diesel* direttament ġor-*road tankers* għaliex dawk il-liġijiet ma kinux iħallu li dan jibqa' jsir. L-Awtorita` tgħid li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ma jagħtux jedd li wieħed jikseb ġid fil-futur u lanqas li min ikollu l-possediment ma jista' jemmen u jistenna li prattika jew sistema jibqgħu ma jinbidlux jekk jinbtu ċ-ċirkostanzi għat-titjib jew it-tibdil tagħhom.

16. L-appellati l-oħrajn itennu l-istess argumenti kontra l-imsemmija aggravji. Iżda jżidu jgħidu li, bil-ħruġ tal-Avviż, l-appellanti ma tteħdilhom l-ebda ġid tagħhom u lanqas it-tgawdija tagħhom fuq dak il-ġid. Il-fatt li l-appellanti ma kinux ingħataw faċilita` għall-ħażna taż-żjut ma kienx effett tal-ħruġ tal-Avviż u l-Avviż ma ħadilhom xejn li kellhom qabel il-ħruġ tiegħu;

17. Il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ttrattat l-ilment tal-appellanti għall-ksur ta' dan il-jedd fundamentali tagħhom taħt tliet aspetti: jiġifieri, (i) jekk l-attivita` kummerċjali tal-appellanti jmisshiex titqies bħala "possediment" għall-għanijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, (ii) jekk is-sistema mħaddem minnhom tal-ħatt tad-*diesel* direttament għal ġor-*road tankers* kienx issarraf f'jedd miksub u jekk dan kienx jaħlaq aspettattiva leġittima fihom li l-qagħda ma titħassarx u (iii) jekk l-Avviż

naqqarx dak il-possediment jew dak id-dritt. Dwar l-ewwel aspett, dik il-Qorti għarfet il-kwalita` awtonoma tat-tifsira tal-frażi "possediment" f'dak l-artikolu. Dwar it-tieni aspett qieset li l-appellanti ma seħħilhomx juru li kellhom xi titolu għal interess sostantiv li jixraqlu l-ħarsien tal-imsemmi Artikolu 1 u lanqas li l-permessi li kellhom f'idejhom kienu jagħtuhom xi jedd miksub li jiflaħ jirreżisti għall-applikazzjoni ta' xi norma ġdida ta' liġi. Dwar it-tielet aspett, sabet li l-Avviż ma kien ħalaq l-ebda liġi ġdida u għalhekk ma kien ġabilhom l-ebda ksur tal-jedd minnhom invokat, aktar u aktar meta wieħed iqis l-għanijiet ta' interess pubbliku u sigurta` ambjentali li wasslu għall-ħruġ tiegħu;

18. Il-Qorti tibda biex tgħid li mkien ma jingħad mill-appellanti li l-ħruġ tal-Avviż ħadilhom xi ġid li kellhom, u s-sottomissjonijiet tal-appellati f'dan is-sens ma jidhrux għal kollox preċiżi. Dak li joħroġ ċar mir-rikors promotur tal-appellanti hu li l-ħruġ tal-Avviż ġab miegħu ndħil fl-użu tal-possediment protett, billi waqqaf imġieba li kienet titħalla ssir sa qabel il-ħruġ tiegħu. Għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa jew interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid. Għalhekk ingħad ukoll li "*Article 1 protects 'peaceful enjoyment'. That implies that this provision may also have been violated when a person has not been affected as to his property or possessions per se, but is not*

*accorded an opportunity to use that property, for instance because a necessary permit is refused to him, or because in some other way such restrictions ensue from the legislation or from government measures to the extent that there is no longer any question of a 'peaceful possession'*"[3]. Filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali[4], hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni[5]. Madankollu, il-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjeta` u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan kemm jekk l-għemil ikun ta' teħid ta' proprjeta` u kif ukoll jekk ikun "sempliċement" dwar indħil fl-użu tagħha[6].

19. Biċċa sewwa mill-argumenti li tressqu kemm quddiem l-ewwel Qorti u kif ukoll f'din l-istanza kien jekk kemm-il darba l-Avviż laqatx xi possediment tal-appellanti: l-appellati jgħidu, fost l-oħrajn, li l-mod ("*modus operandi*") kif l-appellanti kienu draw iħottu ż-żjut għal ġor-*road tankers* ma jista' qatt jitqabbel ma' "possediment" għall-għanijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

---

[3] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit., 2006) § 17.3.2, f'paġ. 872 – 3
[4] Kost. **24.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet***
[5] Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The former King of Greece et v. Greċja*** (Applik. Nru. 25701/94) § 87
[6] K. Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd. Edit, 2007) paġ. 501

20. Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-tifsira mogħtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija waħda wiesgħa u żgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' sempliċi proprjeta` jew ħaġa tanġibbli. Kemm hu hekk "*the word 'possessions' ... indicates that a wide range of proprietal interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporeal and incorporeal interests, such as shares and patents. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions.* ***The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest***"[7].

21. Jinsab stabbilit ukoll li "*the right or interest can only constitute a 'possession' if it is sufficiently established to be enforceable. There is no question of possessions until the moment at which one can lay claim to the property concerned. A person complaining of an interference with his property right must show that such right existed. According to constant case-law, 'possessions' may be either existing possessions or valuable assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he has at least a 'legitimate expectation' of obtaining effective enjoyment of a property right*"[8].

[7] Harris, O'Boyle & Warbrick <u>Law of the European Convention on Human Rights</u> paġ. 517
[8] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.* § 17.3.1, f'paġ. 867

22. Il-Qorti tasal għall-fehma li, fid-dawl ta' dak li jingħad f'din is-sentenza fit-taqsimiet ta' qabel dan, il-mod kif l-appellanti kienu jitħallew iħottu ż-żjut għal ġor-*road tankers* ma kienx 'possediment' u li l-possediment li dwaru jistgħu jorbtu xi ksur tal-jedd fundamentali tagħhom kien il-permess tal-ħatt. Imma l-permess tal-ħatt ma ntmess bl-ebda mod bil-ħruġ tal-Avviż, u l-permess ma kienx jispeċifika kif isir il-ħatt tal-karburant. Għall-kuntrarju, il-permessi maħruġa lill-appellanti f'dan ir-rigward kienu jagħmluha ċara li l-attivita` kummerċjali mħollija ssir bis-saħħa tagħhom kienet ċirkoskritta mal-ħarsien tal-liġijiet li taħthom inħarġu. Min-naħa l-oħra, il-mod kif l-appellanti kienu jħottu direttament ġor-*road tankers* jidher li ma jħarisx dak li l-liġijiet li jsemmi l-Avviż kienu u għadhom jitolbu. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti meta jgħidu li l-ewwel Qorti qagħdet bil-għama fuq is-sottomissjonijiet tal-appellati f'dan ir-rigward. Din il-Qorti rat li l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata semmiet liema kienu l-liġijiet rilevanti u rat l-istess liġijiet u sabet li, tabilħaqq, il-liġi tippreskrivi kif imissu jsir il-ħatt tad-*diesel* u karburanti oħrajn li jagħmlu mill-attivita` kummerċjali tal-appellanti[9].

23. Fid-dawl ta' din il-fehma u tal-qagħda tal-liġi, tintlaqat ukoll bis-sħiħ il-pretensjoni tal-appellanti li huma kellhom ukoll xi aspettattiva leġittima li l-prattika tal-ħatt għal ġor-*road tankers* tibqa' ma tintmissx jew li l-Avviż indaħal b'mod abbużiv f'dik l-aspettattiva. Dan jingħad għaliex biex

[9] Ara Art. 8 Sked VI, Taqsima D tal-Kap 382 u Reg 13 tal-A.L. 278/07 (L.S. 545.17 – li fis-sentenza appellata jissejjaħ L.S. 423.28)

aspettattiva tkun waħda leġittima ma tridx tkun waħda li biex isseħħ tkun tikser xi jedd fundamentali ta' ħaddieħor[10]. Lanqas ma jista' jkun hemm aspettattiva bħal dik fejn l-ewwel jinħalaq stat li jikser il-liġi u mbagħad dak li jkun jippretendi li jkun imħares f'dak l-istat[11]. B'mod partikolari, il-fatt li għal żmien twil l-awtoritajiet setgħu għalqu għajnejhom għall-prattika tal-ħatt tal-karburant direttament mill-braken għal ġor-*road tankers* ma twassalx b'daqshekk għal qagħda li ma setax joħroġ l-Avviż u dak li l-Avviż jisħaq dwar il-ħarsien tal-liġi. L-element tal-aspettattiva leġittima jrid jintrabat ma' dak tal-proporzjonalita` li jsemmi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll[12], u ma jistax ikun hemm sejħa mill-parti mġarrba għall-ħarsien tal-proporzjonalita` bejn l-interessi tagħha u dawk tal-awtorita` pubblika fejn l-interessi tagħha ma joqogħdux ma' dak li titlob il-liġi[13].

24. Biex il-Qorti tkun indirizzat ukoll l-aggravji l-oħrajn u s-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar dan l-ilment speċifiku, jidher ċar minn qari tal-liġi, li l-għan ta' interess pubbliku li għalih inħareġ l-Avviż dwar il-ħarsien tal-ambjent u t-titjib tas-sigurta` fil-portijiet u l-ibħra interni huwa rifless fost l-għanijiet infushom tal-liġi[14]. Għalhekk, dan jissoddisfa wkoll l-element tal-legalita` tal-Avviż bħala miżura amministrattiva, għall-

---

[10] Kost. **26.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja v. Il-Prim Ministru et***

[11] Kost. **24.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***John Vella et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et***

[12] Ara, b'eżempju, Q.E.D.B. (GC) **6.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Maurice v. Franza*** (Applik. Nru. 11810/03) §§ 86 u 88

[13] Kost. **24.4.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Joachim sive Jack Galea v. Avukat Ġenerali et***

[14] Ara t-tifsira ta' "*raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku*" f'reg. 2(2) tal-A.L. 278/07 (L.S. 545.17)

għanijiet tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

25. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha l-Qorti ssib li l-aggravji tal-appellanti mis-sentenza appellata dwar l-ilment tagħhom ta' ksur tal-jedd imħares fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll mhumiex mistħoqqa u sejra tiċħadhom.

26. Jifdal li l-Qorti tqis l-**aggravji mis-sentenza appellata dwar ksur tal-jedd għall-ħarsien minn trattament diskriminatorju**. Dan kien l-ilment ewlieni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali mressaq mill-appellanti fil-kawża tagħhom u kien jirreferi għall-ksur tal-imsemmi jedd kif imħares kemm taħt l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

27. Filwaqt li jagħrfu li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni huma "differenti ħafna minn xulxin", l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti wżat l-istess kejl għat-tnejn li huma u warrbet l-ilment tagħhom ta' ksur tal-jedd tagħhom imħares taħt dawk l-artikoli meta x-xhieda mressqa minnhom (mogħtija minn Mark Cassar u Darren Marmarà) kienet turi biċ-ċar kif kienu ġarrbu trattament diskriminatorju għall-aħħar. L-appellanti jisħqu li l-Avviż ħallihom żvantaġġati għaliex ma kellhomx *terminal* fejn jaħżnu d-*diesel* bħalma

kellu ħaddieħor. Jilmentaw ukoll li l-ewwel Qorti ma semmiet xejn dwar il-mod irregolari u diskriminatorju kif ingħatat lil terzi l-konċessjoni tal-faċilitajiet ta' ħażna fit-*terminal* tal-*MOBC*. Huma jqisu li seħħet diskriminazzjoni diretta bi ħsara għalihom bil-ħruġ tal-Avviż billi, f'ħakka t'għajn, huma kienu se jitwaqqfu minnufih mill-attivita` tal-ħatt dirett għar-*road tankers*, kienet twittiet it-triq għal qagħda monopolistika favur operaturi kompetituri tagħhom, u kienet ġegħlithom ikollhom jibdew jixtru l-prodott mingħand kompetitur tagħhom – *Enemed* – sempliċement biex ikunu f'qagħda li jżommu ħaj in-negozju li kienu liċenzjati għalih. Dan kollu, minbarra li żdiditilhom in-nefqa mqar biex jistgħu jiksbu l-karburanti li bihom ifornu l-istazzjonijiet tagħhom stess u ħalliethom iġorru piż sproporzjonat, li seta' faċilment jittaffa li kieku l-konvenut appellat imqar offra li jagħtihom b'konċessjoni wieħed mill-bosta tankijiet li l-Gvern kellu għad-dispożizzjoni tiegħu biex iservihom ta' post għall-ħażna. L-aħħar aggravju tagħhom jikkonsisti fi kritika tal-metodoloġija li l-ewwel Qorti segwiet biex tara jekk kemm-il darba seħħx jew le trattament diskriminatorju kontra tagħhom, u liema kienu l-kunsiderazzjonijiet li messha qieset biex tasal għal fehma tajba dwar dan.

28. L-Awtorita` appellata twarrab dawn l-aggravji billi tiċħad li l-Avviż ħalaq xi diskriminazzjoni jew qiegħed jittratta persuni f'sitwazzjonijiet li jixxiebħu b'mod differenti bla ġustifikazzjoni raġonevoli u oġġettiva u mingħajr proporzjonalita` raġonevoli. Iżżid tgħid li ladarba l-ewwel Qorti

ma sabitx li l-appellanti ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, allura ma setgħetx issib li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom taħt l-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni. Minbarra dan, it-trattament allegatament diskriminatorju li minnu jilmentaw l-appellanti mhuwiex imsejjes fuq xi kawżali ta' *status* jew bħala karatteristika personali tal-appellanti. Tisħaq li l-Avviż ma kienx indirizzat biss lejn l-appellanti, imma jgħodd għal kull operatur ieħor li jinqeda b'*road tankers* u *bunker barges* għall-ħatt ta' *diesel*. Hija tiċħad kategorikament li l-Avviż inħareġ bil-ħsieb li jolqot ħażin lill-appellanti jew biex joħloq xi monopolju jew jagħti vantaġġ lil xi operatur fil-qasam bi ħsara ta' operaturi oħrajn.

29. Min-naħa tiegħu, l-appellat Prim Ministru wkoll jinqeda ġeneralment bl-istess argumenti li ressqet l-Awtorita` appellata biex twarrab l-aggravji tal-appellanti. Iżid jgħid li trattament differenzjat b'riżultat ta' bidliet fil-liġi ma jistax jitqies bħala diskriminatorju fejn jintwera li jkun hemm ġustifikazzjoni raġonevoli u oġġettiva fl-aħjar interessi pubbliċi. Minbarra f'hekk, jgħid li l-ewwel Qorti kienet fis-sewwa meta sabet li, bil-ħruġ tal-Avviż, l-appellanti mhumiex qegħdin jingħataw trattament differenti minn dak li jingħataw operaturi oħrajn li jinsabu fl-istess qagħda tagħhom u li, bħalhom, m'għandhomx post għall-ħażna.

30. Il-Qorti ma taqbilx mal-Awtorita` appellata li, ladarba ma nstabx li l-appellanti ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, allura ma jistax jinsab ksur tal-jedd tagħhom li ma jingħatawx trattament diskriminatorju taħt l-Artikolu 14 tagħha. Għalkemm l-Artikolu 14 jitlob li jkun hemm rabta ma' xi jedd sostantiv ieħor imħares fil-Konvenzjoni, jista' xorta waħda jirriżulta trattament diskriminatorju minkejja li ma jirriżultax ksur tal-jedd sostantiv li t-trattament ikun imsejjes fuqu[15], sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[16].

31. Għal dak li jirrigwarda l-ilment tal-appellanti dwar il-ksur tal-jedd tagħhom taħt l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, jingħad mill-ewwel li din il-Qorti tagħraf il-limiti li taħthom jista' jinstab ksur tal-jedd imħares f'dak l-artikolu għal dawk il-kontinġenzi espressament imsemmija fih. Il-Kostituzzjoni tgħid li l-ebda liġi m'għandha tagħmel xi dispożizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effetti tagħha[17]. Daqstant ieħor tgħid li ħadd m'għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita` pubblika[18]. Ikun diskriminatorju kontra dak l-artikolu kull trattament differenti li jingħata lil persuni differenti u li jkun

[15] Kost. **12.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dr. Joseph Brincat noe v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali et***
[16] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit.* paġ. 465 – 6 u Q.E.D.B. (GC) **28.5.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Abdulaziz, Cabales & Balkandali v. Renju Unit*** (Applik. Nru. 9214/80) §71
[17] Art. 45(1) Kost
[18] Art. 45(2) Kost

attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn[19].

32. Illum-il ġurnata huwa stabbilit sewwa li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil dik il-persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixxiebah magħha, (ċ) u dan it-trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita` bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat[20]. Iżda hekk kif il-parti mġarrba turi li ngħatat trattament differenti, jaqa' d-dmir fuq l-Istat li juri li tali trattament kien mistħoqq[21]. F'dan ir-rigward jingħad li "*There is a shifting burden of proof in the area of discrimination. The general principle affirmanti incumbit probatio (he or she who alleges something must prove that allegation) is therefore not*

[19] Art. 45(3) Kost
[20] Ara P.A. (Kost.) TM **26.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Paċe Cole v. Chairman Maltacom p.l.c. et*** (konfermata minn din il-Qorti fil-**25.4.2005**)
[21] Q.E.D.B. (GC) **7.11.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Vallianatos et v. Greċja*** (Applik. Nru. 29381/09) § 85 u Q.E.D.B. **22.3.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Guberina v. Kroazja*** (Applik. Nru. 23682/13) § 74

*applied in a rigorous manner. The initial burden, of course, falls upon the applicant to establish that there is a difference in treatment. Once this has been done, the burden moves to the government, where the responsibility is to demonstrate that the measure in question was justified*"[22].

33. Din il-Qorti tqis li l-appellanti jippretendu li ġarrbu trattament diskriminatorju bil-fatt innifsu tal-ħruġ tal-Avviż. Bla ma toqgħod tgħid l-istess ħwejjeġ li semmiet qabel[23], il-Qorti jidhrilha li ntwera tajjeb biżżejjed li l-ħsieb dikjarat u effettiv wara l-ħruġ tal-Avviż kien wieħed oġġettiv u raġonevolment mistħoqq. L-appellanti jisħqu li l-Avviż inħareġ bil-għan maħsub li jagħmlilhom ħsara ekonomika, u ressqu wkoll argumenti li jitkellmu minn nisġa mfassla biex tgħin kompetituri tagħhom fil-qasam bi ħsara għalihom. Il-Qorti tqis li biex jinsab ksur tal-jedd li ma jingħatax trattament diskriminatorju taħt l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, mhux meħtieġ li wieħed juri li t-trattament diskriminatorju kien maħsub jew intenzjonat biex iġib ħsara lil dak li jkun. Madankollu, mill-atti tal-kawża ma ntweriex li l-għan tal-Avviż impunjat kien li jagħti xi vantaġġ mhux mistħoqq lil xi operatur fil-qasam bi ħsara għal xi operaturi oħrajn, magħduda l-appellanti.

---

[22] W A Schabas The European Convention on Human Rights: A Commentary (O.U.P 2015) pġ. 570

[23] §§ 22 – 4 *supra*

34. L-appellanti lanqas ma seħħilhom juru li r-raġunament tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward kien difettuż jew irraġonevoli. Din il-Qorti, filwaqt li tagħraf li l-appellanti setgħu għal xi żmien intlaqtu ħażin bit-tħaddim tal-Avviż, ma sabet imkien li t-trattament mogħti lill-appellanti kien differenti jew agħar minn dak mogħti lil operaturi kummerċjali oħrajn li kienu fl-istess qagħda tagħhom f'dan il-qasam. It-tixbih jew tqabbil, għall-għanijiet tad-determinazzjoni jekk ingħatax jew le trattament diskriminatorju li jwassal għall-ksur ta' jedd fundamentali, irid isir ma' persuni jew kategoriji li jinsabu fl-istess qagħda[24]. Lanqas ma jirriżulta li l-miżuri mitluba fl-Avviż kienu sproporzjonati mal-għan mixtieq u mal-mezz użat. Ix-xewqa tal-appellanti li jingħataw konċessjoni ta' mħażen għall-karburanti importati minnhom kienet ilha żmien qabel il-ħruġ tal-Avviż, u l-fatt li sa dakinhar li nħareġ l-Avviż ix-xewqa tagħhom ma kinitx għadha ntlaqgħet mill-awtoritajiet ma jagħmilx l-Avviż wieħed diskriminatorju, la b'mod dirett u lanqas indirett.

35. Il-fatt li l-Avviż daħal fis-seħħ f'data partikolari m'għandux, minnu nnifsu, jitqies bħala miżura diskriminatorja bi ħsara għall-jeddijiet tal-appellanti[25]. L-għażla ta' meta liġi jew regolament jidħol fis-seħħ hija waħda mis-setgħat magħrufa li fihom l-Istat jew l-amministrazzjoni

[24] Kost. **9.2.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et v. Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta` Soċjali et.***; u Kost. **24.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Enrichetta Bianchi et v. Avukat Ġenerali et***

[25] Kost. **24.6.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian P Ellis et v. Avukat Ġenerali et***

pubblika jgawdu marġini ta' apprezzament x'aktarx wiesgħa wkoll għall-finijiet tal-Konvenzjoni[26].

36. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li lanqas dan l-aggravju dwar trattament diskriminatorju ma huwa mistħoqq, la taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u wisq anqas taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, u mhux se jintlaqa'.

37. Fl-aħħarnett, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talba magħmula mill-appellanti f'rikors imressaq minnhom fit-13 ta' Novembru, 2020[27], biex jitħallew iressqu provi dokumentali li ma kinux ressqu qabel matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża. Filwaqt li l-Awtorita` appellata[28] ħalliet f'idejn il-Qorti jekk għandhiex tilqa' t-talba u żiedet tgħid li l-imsemmija dokumenti ma humiex rilevanti għall-kwestjoni ewlenija tas-siwi tal-Avviż, l-intimati appellati l-oħrajn[29] ma qablux li din il-Qorti jmissha tħalli t-tressiq tal-imsemmija provi ladarba dawn setgħu u messhom tressqu fi stadju wisq aktar bikri tas-smigħ tal-kawża.

38. Fl-ewwel lok, il-Qorti qiegħda tqis li, minbarra li t-tressiq ta' provi mhux imressqa quddiem Qorti tal-ewwel istanza mhuwiex ġeneralment imħolli li jsir fl-istadju tal-appell quddiem din il-Qorti, il-liġi tgħid x'ħin u

[26] Q.E.D.B. **15.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Amato Gauċi v. Malta*** (Applik. Nru. 47045/06) § 71
[27] Paġ. 677 tal-proċess
[28] Risposta tagħha tad-19.11.2020 f'paġ. 701 – 2 tal-proċess
[29] Verbal tas-smigħ tad-19.11.2020 f'paġ. 703 tal-proċess

f'liema waqt jistgħu jitressqu dokumenti fl-istadju tal-appell[30] u l-appellanti ma taw l-ebda raġuni għaliex ma nqdewx b'dik il-fakulta` meta ressqu r-rikors tal-appell. Fit-tieni lok, il-provi dokumentali li l-appellanti talbu li jitħallew iressqu jmorru lura għal żmien qabel ma ngħatat is-sentenza appellata u kienu f'idejn l-istess appellanti sa minn qabel l-għoti ta' dik is-sentenza, kif huma nfushom jistqarru fir-rikors imsemmi: jekk tabilħaqq dawk id-dokumenti jikkostitwixxu provi "rilevanti għall-vertenza" kien messhom intebħu b'dan qabel u ressquhom f'dak il-waqt biex l-ewwel Qorti setgħet tqishom qabel ma tgħaddi l-ġudizzju tagħha dwar l-istess vertenza. Fit-tielet lok, minn dak li rat din il-Qorti, dawk id-dokumenti ma jitfgħu l-ebda dawl ġdid fuq is-siwi tal-Avviż jew fuq kif il-jeddijiet tal-appellanti jintlaqtu minn dak l-Avviż, u għalhekk din il-Qorti ma ssibx li ngħatatilha xi raġuni tajba biex tqis il-ħtieġa jew l-utilita` li jkollha dawk id-dokumenti quddiemha[31].

39. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba u tordna t-tneħħija tal-imsemmija dokumenti (mehmuża mal-imsemmi rikors tat-13 ta' Novembru, 2020) mill-atti tal-kawża.

***Deċide:***

40. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

[30] Art. 145 tal-Kap 12
[31] Art. 150(1)(b) tal-Kap 12

**Tiċħad l-appell** mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Ġunju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt u għalhekk tikkonfermaha għal kollox, **bl-ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Joseph R Micallef<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da